MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Talba Numru. 2046/2002

**John Mary Camilleri**

**vs**

**ark Aguis u Kenneth Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu lill-attur is-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin (Lm610.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attur f'incident awtomobilistiku tas-17 ta' Mejju 2002 li sehh fi Triq il-Pijunieri, Bugibba meta waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru BES 513 sejjer fid-direzzjoni tal-pjazza, il-vettura bin-numru KEN 100, misjuqa milkonvenut Kenneth Debono, giet mid-direzzjoni opposta, dahlet fil-karreggjata tal-attur, habtet mieghu u tefghatu go vettura bin-numru LAD 653 li kienet

parkeggjata. Wara rrizulta li din il-vettura KEN 100 kellha habta mal-vettura LUM 001 li kieneet misjuqa mill-konvenut l-iehor Mark Aguis.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 19 ta' Gunju 2002, tal-konsult (Lm10.00), tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Lulju 2002 u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz tat-Talba, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut Mark Aguis fejn huwa eccepixxa li dak li ntalab mill-attur ghandu jigi michud fil-konfronti tieghu ghaliex ghall-incident stradali in kwistjoni ma kienx jahti hu.

Ra r-risposta tal-konvenut Kenneth Debono li eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi l-incident mertu tal-kawza gara minghajr it-tort jew htija tal-eccipjent Kenneth Debono.
2. Illi l-eccipjent Kenneth Debono jirriserva li jeccepixxi dwar il-quantum mitlub mill-attur hekk kif l-ircevuti jkunu disponibbli.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' PS 614, Saviour Garcia, tal-attur John Mary Camilleri, tal-konvenut Kenneth Debono u tal-konvenut Mark Aguis. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti milll-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Mejju, 2002 fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, ghal habta tat-8.30pm.. L-attur kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni BES 513 sejjer fid-direzzjoni tal-pjazza ta' Bugibba meta ra dawl ta' vettura gejja mid-direzzjoni opposta,, fuq il-karreggjata tieghu, liema vettura laqtitu u tefghatu fuq vettura parkeggjata man-naha tax-xellug tieghu. Din il-vettura bin-numru tar-registrazzjonnnni KEN 100 kienet msjuqa mill-konvenut Kenneth Debono. Dan Debono kien qed jipprocedi fuq sajdu, hiereg minn Bugibba u sejjer fid-direzzjoni tat-'traffic lights' meta tul ta' madwar zewg vetturi l-boghod mnnu lemah il-vettura bin-

numru tar-registrazzjoni LUM 001, misjuqa minn mill-konvenut l-iehor Mark Aguis hierga minn ‘parking space’ man-naha tax-xellug tieghu. Huwa daqq il-‘horn izda din il-vettura baqghet hierga u huwa ghalhekk ghafas il-brejk u prova jevita din il-vettura billi jikser lejn il-lemin izda inutilment ghaliex din il-vettura laqtitu bir-rota u l-‘mudguard’ ta’ quddiem tan-naha tal-lemin taghha. Bl-impatt il-vettura tal-konvenut Kenneth Debono skiddjat min-naha ta’ wara u laqtet il-vettura tal-attur li kienet qed tipprocedi fid-direzzjoni opposta. Il-konvenut Mark Aguis jghid li huwa kien hiereg mill-‘parking space’, ra l-vettura tal-konvenut Debono madwar tul ta’ sitt vetturi, jew zewg arbli, l-boghod minnu, din il-vettura ziedet il-velocita’, huwa hareg u sehh l-impatt.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, u precizament mix-xhieda tal-konvenut Mark Aguis stess, jirrizulta inekwivokabilment li l-incident mertu tal-kawza sehh unikament tort tal-konvenut Mark Aguis. Is-sewqan negligenti u traskurat tal-konvenut Mark Aguis kien il-kawza prossima tal-incident. Huwa fil-fatt jammetti li qabel ma hareg mill-‘parking space’ kien ra l-vettura misjuqa minn Debono gejja izda xorta baqa’ hiereg – *“jiena deherli li stajt nohrog mill-‘parking space qabel ma l-vettura tal-konvenut tilhaqni”.* Huwa jammetti wkoll li *“il-mod kif qlajt barra mill-‘parking’ kien daqxejn bis-sahha”.* Il-konvenut jipprova jallega li malli l-konvenut Debono rah hiereg mill-‘parking space’ dan zied il-velocita’. It-Tribunal jidhirlu li anki kieku kellha titwemmen din it-tezi xejn plawzibbli tal-konvenut Aguis, dan tal-ahhar xorta ghandu jitqies bhala unikament responsabbli ghall-incident ghaliex kien huwa li nvada il-karreggjata tal-konvenut Debono meta erronjament kkalkula li seta’ johrog mill-parkegg qabel ma tilhqu l-vettura misjuqa minn Debono.

Illi l-partijiet nvoluti fl-incident kollha jaqblu mal-iskizz imhejji mis-surgent li nvestiga l-kaz (a fol. 14). Dan l-iskizz jindika li l-‘brake marks’ li hemm wara l-vettura ta’ Debono bdew fil-karreggjata tax-xellug u dan jikkorobora l-verzjoni ta’ kif sehh l-incident moghtija minn Debono ghaliex ifisser li effettivament il-konvenut Kenneth Debono kien ghadu fuq sajdu meta ghafas il-brejk u ha ‘evasive

action' sabiex jevita l-vettura tal-konvenut l-iehor Mark Aguis li kienet hiierga mill-parkegg u qed timblokkalu l-karreggjata li kien qed jipproccedi fiha regolarment.

Illi in kwantu jirrigwarda l-quantum tad-danni reklamati mill-attur dawn ma gewx ikkontestati u inoltre l-istess attur esibixxa l-ircevuti relattivi ghad-danni minnu reklamati liema hsara tidher li hija kompatibbli mad-dinamika tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi bili filwaqt li jiddikjara lill-konvenut Mark Aguis unikament responsabbli ghall-incident awtomobiilistiku li sehh fis-17 ta' Mejju 2002 fi Triq il-Pijunieri, Bugibba, billi jillibera lill-konvenut Kenneth Debono mill-osservanza tal-gudizzju u billi jilqa' t-talbiet attrici fil-konfronti tal-konvenutt Mark Aguis u konsegwentement jikkundanna lill-istess Mark Aguis ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u ghaxar liri Maltin (Lm610.00), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Lulju 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut Mark Aguis skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------